MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tal-31 ta' Lulju, 2003

Rikors Numru. 2557/2000/2

**Fl-Atti tal-Mandat ta' Sekwestru numru 4311/00 fl-ismijiet:**

**Josephine MICALLEF**

**vs**

**Louis ŻAMMIT u St. Albans Company Limited**

## Il-Qorti:

Rat ir-Rikors imressaq minn Louis Żammit u l-kumpannija St. Albans Company Limited fil-25 ta' Frar, 2002, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmijin, talbu li din il-Qorti tħassar għal kollox jew in parti l-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju maħruġ kontra tagħhom mill-intimata eżekutanti Micalef; u li tikkundanna lill-istess intimata eżekutanti tħallas penali kif maħsub fl-artikolu 836(8) tal-Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili;

Rat id-dokument mehmuż mal-istess Rikors;

Rat id-Degriet tagħha tas-26 ta' Frar, 2002, li bih qegħdet ir-Rikors għas-smigħ tat-8 ta' Marzu, 2002, u tat żmien lill-intimata eżekutanti biex tressaq Tweġiba għat-talbiet tar-rikorrenti eżekutati;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-intimata Micallef fil-11 t'April, 2002[1], li biha seħqet li t-talbiet tar-rikorrenti għandhom jiġu miċħuda;

Rat id-Dokument imressaq mill-intimata mat-Tweġiba tagħha;

Rat in-Nota mressqa fl-14 ta' Mejju, 2002, li biha l-Avukat Christian Grima irrinunzja għall-patroċinju tal-intimata;

[1] Paġġ. 11-3 tal-atti

Rat il-verbal tas-smigħ tas-17 ta’ Mejju, 2002, fejn, fost l-oħrajn, l-avukat tar-rikorrenti fisser taħt liema rjus tal-artikolu 836 kien inħareġ ir-Rikors promotur;

Semgħet il-provi tar-rikorrenti;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet;

Rat il-verbal tas-smigħ tal-5 ta’ Ġunju, 2002, li bih ħalliet ir-rikors għad-degriet;

## *Ikkunsidrat:*

Illi din hija azzjoni maħsuba taħt l-artikolu 836 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta. Mit-talbiet li għandha quddiemha l-Qorti, ir-rikorrenti qegħdin għal raġunijiet separati jipprovaw ineħħu minn fuqhom, għal kollox jew imqar f’biċċa, l-effetti ta’ Mandat ta’ Sekwestru kawtelatorju li Josephine Micallef ħarġet kontihom fil-15 ta’ Diċembru, 2000, biex jagħmel tajjeb għal “ħsarat fil-fond 26, St. Rita Street, Rabat, skond diversi stimi maħruġin u dan stante li x-xogħlijiet minnhom interkorsi fil-fond adjaċenti dgħajfu l-istruttura tal-bini”. Il-kreditu msemmi fil-Mandat huwa ta’ għaxart elef lira Maltija (Lm 10,000). Il-Mandat inħareġ dak inhar stess li tressaq, b’Degriet mogħti fil-15 ta’ Diċembru, 2000. Il-Mandat ma ġiex notifikat lill-intimati eżekutati;

Illi dan tfisser mir-rikorrent Louis Żammit bħala r-raġuni għaliex ir-Rikors promotur preżenti tressaq iżjed minn sena wara li nħareġ il-Mandat[2]. Huwa ġie notifikat l-ewwel darba fit-18 ta' Diċembru, 2001, bid-Degriet tal-proroga mogħti fit-30 ta' Novembru, 2001;

Illi jirriżulta li l-kawża għall-pretensjoni msemmija fil-Mandat inbdiet mill-intimata eżekutanti kontra ż-żewġ rikorrenti tal-lum b'Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fl-4 ta' Diċembru, 2000, jiġifieri jiem qabel ma nħareġ il-Mandat innifsu;

Illi jirriżulta wkoll li mill-erba' (4) sekwestratarji msemmija fl-atti tal-Mandat, kien biss fi Frar tal-2003 li tlieta minnhom wieġbu li ma kellhom l-ebda fondi jew assi tal-intimati f'isem ir-rikorrenti preżenti;

Illi r-rikorrenti eżekutati jqisu l-imsemmi Mandat m'għandux jibqa' fis-seħħ għar-raġuni li l-ammont mitlub m'huwiex *prima facie* mistħoqq[3] u wkoll għaliex fiċ-ċirkostanzi ma jkunx raġonevoli li jinżamm fis-seħħ il-Mandat jew parti minnu jew li m'huwiex iżjed mistħoqq jew meħtieġ li jinżamm fis-seħħ[4]. B'żieda mat-talba għat-tħassir tal-Mandat, ir-rikorrenti qegħdin jitolbu wkoll li l-intimata eżekutanti tiġi ordnata tħallas penali;

Illi, għat-talbiet tar-rikorrenti, l-intimata eżekutanti tilqa' billi tgħid li l-ebda waħda mir-raġunijiet li għalihom intalab it-tħassir tal-Mandat m'għandha mis-sewwa u li dak li wassalha biex talbet il-ħruġ tal-Mandat kienet sewwasew l-inġiba tar-rikorrenti tal-lum fil-konfront tagħha u l-ħsara li ġarrbet id-dar

[2] Xhieda tiegħu tas-17.5.2002, f'paġ. 18 tal-atti
[3] Art. 836(1)(d) tal-Kap 12
[4] Art. 836(1)(f) tal-Kap 12

tagħha minħabba x-xogħol magħmul minnhom jew min minnhom;

Illi, kif ingħad bosta drabi fi proċeduri bħal dawn, l-istħarriġ li għandha tagħmel il-Qorti huwa biss wieħed *prima facie* u dan għaliex il-mertu jmissu jiġi mistħarreġ fil-kawża proprja bejn il-partijiet[5]. Għalhekk, hija l-fehma tal-Qorti li m'huwiex meħtieġ li tifli fil-mertu l-kwestjonijiet li nqalgħu bejn il-partijiet u li llum il-ġurnata jagħmlu parti minn kawża għad-danni li għadha qegħda tinstama' minn din il-Qorti;

Illi l-Qorti sejra tgħaddi biex tqis l-aspetti ta' dritt li jsawru l-każ u li, kif ingħad qabel, ir-rikorrenti qegħdin jibnuhom fuq kawżali speċifiċi msemmija mil-liġi. Qabel xejn, għandu jingħad li dak li l-Qorti trid tasal għalih f'din il-proċedura m'għandu bl-ebda mod jitqies li jkun qiegħed isir xi ġudizzju fil-mertu dwaru. L-istħarriġ meħtieġ fi proċedura bħal din huwa marbut ma' eżami x'aktarx formali tal-att li tiegħu qiegħed jintalab it-tħassir. Il-Qorti għandha tistħarreġ li r-rekwiżiti mitluba mil-liġi għall-ħruġ tal-Mandat jidhru mill-att innifsu u li dan ma nħariġx b'mod abbużiv[6];

A) <u>Il-kawżali li l-ammont mitlub m'huwiex *prima facie* ġustifikat jew hu eċċessiv</u> ġArt. 836(1)(d)ħ. Ir-rikorrenti jressqu żewġ argumenti ewlenin taħt din il-kawżali. L-ewwel argument sar mir-rikorrent Louis Żammit personalment, u fih hu jgħid li l-intimata ma kellha qatt toħroġ il-Mandat kontra tiegħu għaliex magħha ma kellux x'jaqsam fl-ebda ħaġa li dwarha qegħda tilmenta u ma kellux xejn x'iwieġeb personalment għax-xiljiet tagħha. Huwa jgħid li dan il-fatt jidher mad-daqqa t'għajn. Dan l-argument, fil-fehma tal-Qorti, m'huwiex mistħoqq. Il-kwestjoni ta' jekk ir-rikorrent Żammit huwiex il-leġittimu kontradittur tal-pretensjonijiet tal-intimata eżekutanti huwa wieħed li jagħmel

[5] Ara P.A. RCP **7.2.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Visa Investments Ltd. vs Blye Engineering Co. Ltd***
[6] Kumm GMA **23.6.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Paul Ħili et vs Dr. Joselle Farruġia noe et*** (mhix pubblikata)

biċċa mill-eżerċizzju li għandha tagħmel il-Qorti kompetenti waqt is-smigħ tal-kawża: m'hux eżerċizzju li jmissu jsir fi proċedura bħal din li għandha quddiemha l-Qorti llum. Għall-kuntrarju, jirriżulta lil din il-Qorti, li l-kawża mibdija mill-intimata eżekutanti saret kontra Louis Żammit personalment ukoll, u ma jidher xejn inġustifikat jew eċċessiv f'dan ir-rigward;

Illi l-Qorti tifhem li l-kejl li għandu jittieħed biex jitqies it-tħassir ta' Mandat kawtelatorju taħt din ir-ras huwa wieħed li jorbot il-kawżali tal-istess Mandat mal-kreditu msemmi fih. Dan ifisser li l-Qorti għandha tistħarreġ fl-ewwel lok jekk jirriżultax mad-daqqa t'għajn li r-rikorrent eżekutant għandha bażi ta' pretensjoni (dak li f'oqsma oħra ta' dritt jissejjaħ il-"*fumus juris*" tal-pretensjoni dedotta), u fit-tieni lok jekk waslitx biex "tillikwida" tali pretensjoni f'somma li taqbel mal-ammont minnha maħluf fil-Mandat. Wieħed m'għandu qatt jinsa li f'dan il-kuntest, il-Qorti trid tkun gwidata mill-prinċipju li d-dritt għall-azzjoni ġudizzjarja m'għandux jiġi mxejjen jew imġarrab b'leġġerezza, u l-ieħor daqstant siewi li huwa dritt li persuna tħares l-interessi tagħha fil-milja tagħhom sakemm il-jedd sostantiv lilha kontestat jiġi definit minn Qorti[7];

Illi, fit-tieni lok, l-argument imressaq mill-kumpannija rikorrenti dwar din il-kawżali ma jistax jitqies bħala wieħed għal kollox siewi f'din l-istanza. Dan jingħad għaliex ir-riżultanza tal-eżitu tal-ħruġ tal-Mandat ma jaqa' bl-ebda mod taħt it-tifsira li trid il-liġi għat-tħassir ta' Mandat taħt dan is-sub-artikolu. L-argument li l-kumpannija rikorrenti għandha ġid ieħor li jista' jagħmel tajjeb għal kull deċiżjoni li tista' tingħata 'l quddiem dwar il-pretensjonijiet tal-intimata eżekutanti m'għandha x'taqsam xejn mal-ġustifikazzjoni tal-ħruġ innifsu tal-Mandat (għalkemm jista' jkun raġuni tajba taħt sub-artikolu ieħor tal-artikolu 836 li, madankollu, ma ġie bl-ebda mod invokat mir-rikorrenti). Meta persuna titlob il-ħruġ ta' Mandat, ma jkollha

[7] Ara P.A. RCP **29.11.2001** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Vincent Merċieca vs George Galea***

qatt iċ-ċertezza li l-eżekuzzjoni tiegħu sejra tħalli riżultat effettiv fuq xi ġid partikolari. Min-naħa l-oħra, il-fatt li f'Mandat maħruġ ma jirriżulta xejn li fuqu tista' ssir l-esekuzzjoni, ma jfissirx li l-Mandat inħareġ *prima facie* għal raġuni mhux mistħoqqa;

Illi għal din ir-raġuni wkoll il-Qorti ma ssibx li t-talba tar-rikorrenti fuq din il-kawżali hija msejsa kif imiss;

B) <u>Jintwera li fiċ-ċirkostanzi m'huwiex raġonevoli li l-mandat jinżamm fis-seħħ jew li huwa ġustifikabbli</u> ġArt. 836(1)(f)ħ. Dwar din il-kawżali, ingħad li din id-dispożizzjoni timplika li, **wara l-ħruġ tal-Mandat,** tkun tbiddlet xi ċirkostanza li minħabba fiha ma jkunx xieraq li l-istess Mandat jibqa' (għal kollox jew in parti) fis-seħħ[8];

Illi biżżejjed jingħad li jekk, 'il quddiem, il-Qorti li ser tqis il-kwestjoni fil-mertu tasal għall-fehma li l-intimata eżekutanti ma jirriżulta li ġarrbet l-ebda danni li għalihom jaħti xi ħadd mir-rikorrenti, xorta waħda ma jistax jingħad li l-Mandat ma kienx inġustifikat. Is-suċċess jew telfien ta' kwestjoni fil-mertu ma tista' qatt tfisser li Mandat kawtelatorju nħareġ b'mod vessatorju jew fieragħ[9]. Allura, fil-fehma ta' din il-Qorti, il-kwestjoni ta' jekk huwiex raġonevoli li Mandat kawtelatorju jinżamm fis-seħħ jew jekk huwiex meħtieġ jew ġustifikabbli li tali Mandat jinżamm fis-seħħ ma tiddependi xejn minn ċaħda tal-kawżali fil-mertu tal-intimata eżekutati;

Illi, madankollu, il-każ li għandha quddiemha l-Qorti f'dawn l-atti jippreżentaw ċirkostanza singolari li tnisslet tabilfors wara li kien inħareġ il-Mandat. Din iċ-ċirkostanza tikkonsisti fil-fatt

[8] Ara P.A. GC **3.8.2001** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Dr Tonio Fenech noe vs Dr Patrick Spiteri et noe et***
[9] Ara, per eżempju, PA JSP **10.1.1992** fil-kawża fl-ismijiet ***Spiteri vs Camilleri*** u P.A. RCP **30.5.2002** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Yorkie Clothing Industry Limited vs Dr Lilian Calleja Cremona***

li bis-saħħa tal-Mandat ta' Sekwestru ma ġew miżmuma l-ebda assi tar-rikorrenti. Din hija ħaġa ċerta fil-każ ta' tlieta mill-erba' sekwestratarji msemmija fil-Mandat u x'aktarx li l-istess jista' jingħad dwar ir-raba' sekwestratarju li ma ppreżentax nota fl-atti kif għamlu s-sekwestratarji l-oħrajn. F'dan il-każ, għalhekk, **wara** li nħareġ il-Mandat, jirriżulta li l-intimata eżekutanti ma żammet l-ebda assi tar-rikorrenti eżekutati bil-Mandat minnha maħruġ. Min-naħa l-oħra, r-rikorrent Żammit issa qiegħed jgħid li, minħabba l-Mandat, il-banek sekwestratarji waqqfulu l-kreditu li kien ingħata fuq ismu personalment;

Illi l-Qorti trid għalhekk tiżen jekk dawn iċ-ċirkostanzi jwasslux biex jitqies li m'għadux raġonevoli iżjed li l-Mandat jibqa' fis-seħħ. L-istampa li toħroġ minn din il-qagħda hija li l-intimata m'għandha l-ebda benefiċċju mill-Mandat, għaliex l-ebda assi ma jinsabu f'idejn is-sekwestratarji li hija indikat fil-Mandat: fi kliem ieħor, ma jidher li għandha l-ebda vantaġġ jew utilita' bil-Mandat kif inħareġ. Min-naħa l-oħra, ladarba r-rikorrenti eżekutati ma nqabdulhom l-ebda assi, ma jistgħux jilmentaw li l-Mandat qiegħed iċaħħadhom mill-użu ta' ġidhom li jinsab f'idejn is-sekwestratarji. Il-Qorti, wara li ħasbet fuq din is-sitwazzjoni, hija tal-fehma li jekk wieħed kellu jqis x'inhu l-għan fondamentali ta' Mandat kawtelatorju u jqabblu mal-prinċipju tal-jedd tal-azzjoni f'persuna li tħoss li xi jedd tagħha ġie miksur minn ħaddieħor, wieħed għandu jasal għall-fehma li ladarba tali Mandat ma qiegħed iħalli l-ebda benefiċċju tanġibbli favur min talab il-ħruġ tiegħu (billi ma qiegħed jikkonserva l-ebda stat ta' fatt fuq ġid il-parti intimata), it-tbatija li qegħda ġġarrab il-parti intmata ma hix ġustifikabbli, billi tali tbatija m'hijiex tissarraf f'benefiċċju, ġid jew gwadann lill-parti eżekutanti;

Illi, naturalment, il-Mandat ta' Sekwestru taħt eżami weġġa' lir-rikorrenti. Il-Qorti ma kenitx tistenna li jitressaq ir-rikors

promotur kieku dan ma kienx il-każ. Dan il-fatt, waħdu, m'huwiex raġuni biex il-Mandat jitneħħa. Il-bilanċ li l-Qorti trid tilħaq bejn il-jeddijiet tal-pretendent u tal-parti li kontra tagħha ssir il-pretensjoni, jrid jiġi meqjus fid-dawl li l-Mandat kawtelatorju huwa, min-natura tiegħu, protezzjoni bikrija maħsuba mil-liġi sakemm il-kwesjoni tiġi mistħarrġa kif imiss fil-mertu. Ma jrid jintesa qatt li l-għan tal-Mandat kawtelatorju huwa dak li "jiffriża" l-qagħda sakemm il-kwestjoni tiġi mistħarrġa kif għandu jkun fil-mertu;

Illi, minkejja dan, il-Qorti ma tistax tinsa għal kollox li, sewwasew minħabba l-effetti drastiċi tal-Mandat, iseħħu konsegwenzi kultant serji li jħallu l-effetti tagħhom fuq il-parti intimata. Kemm hu hekk, il-Qorti tifhem sewwa li l-kumpannija rikorrenti qegħda ġġarrab ħsara kontinwa bil-Mandat fis-seħħ ma kull jum li jgħaddi. Din il-ħsara ma tistax madankollu tkun ir-raġuni biex il-Mandat jitneħħa. Kieku l-liġi kellha titfisser b'dan il-mod, l-ebda Mandat effettiv ma jibqa' fis-seħħ ladarba jiġi muri li l-parti intimata f'dak il-Mandat tkun qegħda tbati. Huwa għalhekk li din il-Qorti, fuq it-talbiet alternativi mressqin mill-kumpannija rikorrenti, sejra tipprovdi appożitament fid-dawl ta' dan il-fatt;

Illi bil-ħniena għandu għalfejn jingħad li jekk, minħabba l-ħruġ ta' Mandat kawtelatorju, il-parti intimata ġġarrab ħsara u dannu, il-liġi nnifisha tagħti lil dik il-parti l-jedd li tressaq 'il quddiem azzjoni għad-danni kontra dik il-parti li tkun ħarġet il-Mandat[10];

Illi, fuq dawn il-mottivi, il-Qorti qegħda għalhekk issib li r-rikorrenti tawha raġuni tajba biex tħassar il-Mandat in kwestjoni;

---

[10] Art. 836(9) tal-Kap 12

Illi r-rikorrenti talbu wkoll rimedju ieħor għat-tħassir, jew tħassir in parti, tal-Mandat ta' Sekwestru taħt eżami. Talbu l-kundanna tal-intimata eżekutanti għall-ħlas ta' penali[11]. Il-Qorti sejra issa tipprovdi dwar din it-talba;

Illi dwar il-kwestjoni tal-impożizzjoni tal-penali, irid jingħad li din hija sanzjoni fakoltativa. Il-Qorti, fid-diskrezzjoni tagħha, tista' taqbel li tgħabbi lil min ikun ħareġ Mandat kawtelatorju kontra persuna, u fuq talba ta' din, b'piena ta' ħlas ta' penali. Minbarra li tali impożizzjoni hija fakultativa, irid jintwera għas-sudisfazzjon tal-Qorti li trid tkun seħħet waħda miċ-ċirkostanzi maħsubin mil-liġi biex tali sanzjoni tiġi imposta. Erbgħa (4) huma ċ-ċirkostanzi maħsuba mil-liġi f'dan ir-rigward u, ladarba huma sanzjoni punittiva, għandhom jitqiesu strettament bħala tassattivi[12]. F'dan il-każ, ir-rikorrenti ma indikaw bl-ebda mod taħt liema raġunijiet maħsubin mil-liġi huma qegħdin isejsu l-pretensjoni tagħhom;

Illi l-Qorti, f'dan l-istadju u fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet diġa' magħmula iżjed 'il fuq dwar il-fondatezza tar-raġonevolezza tal-Mandat, ikollha tqis li meta l-intimata Micallef talbet il-ħruġ tal-Mandat, riedet fl-ewwel lok tħares il-pretensjonijiet tagħha li tiġi kumpensata għall-ħsara li saret fil-ġid tagħha bix-xogħlijiet li saru fis-sit ta' ħdejn id-dar tagħha. Ma nġiebet l-ebda prova mir-rikorrenti li b'xi mod turi li l-istess intimata naqset taħt xi waħda mill-erba'ċirkostanzi maħsubin mil-liġi biex Qorti tista' tgħabbiha bil-kundanna ta' ħlas ta' penali. F'dan il-każ, il-Qorti sejra timxi fuq il-massima li l-bona fede hija preżunta u li l-ħażen irid jiġi ippruvat[13];

---

[11] Taħt l-art. 836(8) tal-Kap 12

[12] Ara P.A. TM **13.3.2003** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Cole Foods Ltd. vs Euro Imports Ltd.***

[13] Ara, per eżempju, App. Ċiv **7.7.1920** fil-kawża fl-ismijiet ***Miller Blacker pro et noe vs Howard*** (Kollez. Vol: **XXIV.i.554**)

Illi, għalhekk, fid-dawl taċ-ċirkostanzi kollha li joħorġu mill-atti, u wara li l-Qorti ħasbet sewwa u fit-tul fuq il-kwestjoni, ma jidhirx li huwa l-każ fejn l-intimata eżekutanti għandha tiġi kundannata tħallas penali lir-rikorrenti minħabba l-ħruġ tal-Mandat jew taż-żamma tiegħu fis-seħħ;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda tipprovdi dwar it-talbiet tar-rikorrenti eżekutati Louis Żammit u St Albans Company Limited billi:

**Tilqa' l-ewwel talba** tagħhom, u qegħda tħassar il-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju numru 4311/00 maħruġ fil-15 ta' Diċembru, 2000, fl-ismijiet "*Josephine Micallef vs Louis Żammit u St Albans Company Limited*", u dan b'effett mil-lum u għar-raġuni li m'għadux raġonevoli fiċ-ċirkostanzi li tali Mandat jinżamm fis-seħħ;

**Tiċħad it-tieni talba** tar-rikorrenti, billi ma ġabu l-ebda raġuni tajba biex biha din il-Qorti tikkundanna lill-intimata eżekutanti tħallashom penali; u

**Tordna li l-ispejjeż** ta' dawn l-atti jibqgħu mingħajr taxxa bejn il-partijiet.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------